## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 23 ta' Marzu 2020**

**Talba Numru 243/2019SFJ**

***GO p.l.c. (C22334)***
***vs.***
***Erica (Erica Rita) Zerafa (495874M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

> *"Illi l-konvenuta għandha tagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef u tmien mija u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€3,870.21) in kwantu għal tlett elef u mija u ħamsa u disgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€3,195.66) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40501435 u sitt mija u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€674.55) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40501315.*
>
> *Illi interpellata sabiex tgħaddi għall-ħlas, il-konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*
>
> *Bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-referenza 1908/17, u bl-imgħaxijiet legali."*

Ra li l-konvenuta ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gazzetta lokali (ara fol. 23 sa 26 tal-proċess).

Ra d-dokumentazzjoni kollha annessa mal-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta u ma dehret għal ebda seduta.

Ra li l-kawża tħalliet għas-26 ta' Frar 2020.

Ra li f'dik is-seduta, il-konvenuta reġgħet ma dehritx. Fl-istess seduta, xehed Paul Gatt, prodott mis-soċjetà attriċi, li kkonferma li l-ammont dovut mill-intimata debitriċi jammonta għal tlett elef u tmien mija u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€3,870.21).

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Ra l-*istatements* ippreżentati mal-Avviż tat-Talba u osserva li dawn jaqblu ma' dak imniżżel fl-att promotur u jaqblu wkoll ma' dak li xehed Paul Gatt fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2020.

Iqis għalhekk li t-talba tas-soċjetà attriċi hija ben spjegata u ppruvata.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' tlett elef u tmien mija u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€3,870.21) lis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal jordna wkoll li l-konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali numru 1908/2017 u jordna li l-interessi għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-preżentata ta' din l-azzjoni.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**